

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 20/2011

tal-1 ta' April 2011

li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 112/2010 tal-1 ta' Ottubru 2010 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 163/2010 tad-9 ta' Frar 2010 li jstabbilixxi għall-2009 l-lista ta' Prodcum ta' prodotti industrijali previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 202/2010 tal-10 ta' Marzu 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 6/2003 dwar id-disseminazzjoni tal-istatistika dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq <sup>(3)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 4ag (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 36/2009):

"4ah. **32010 R 0163:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 163/2010 tad-9 ta' Frar 2010 li jstabbilixxi għall-2009 l-lista ta' Prodcum ta' prodotti industrijali previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 (ĠU L 54, 4.3.2010, p. 1)."

2. Dan li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 7g (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 6/2003):

“, kif emendat permezz ta’:

— **32010 R 0202:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 202/2010 tal-10 ta' Marzu 2010 (ĠU L 61, 11.3.2010, p. 24)."

## Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva (UE) Nru 163/2010/UE u (UE) Nru 202/2010 fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' April 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

<sup>(1)</sup> ĠU L 332, 16.12.2010, p. 62.

<sup>(2)</sup> ĠU L 54, 4.3.2010, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 61, 11.3.2010, p. 24.

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.